

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**PROVIŻORJU
2007/2010(INI)**

18.4.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar Green Paper dwar ir-Reviżjoni ta' l-Acquis tal-Konsumatur
(2007/2010(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Olle Schmidt

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-proposta għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. Ifakkar li din l-opinjoni tirrigwarda l-iktar lill-aspetti tal-konsumatur tas-settur tas-servizzi finanzjarji;
2. Jenfasizza li skond il-Green Paper, is-segwitu leġislattiv fis-settur tas-servizzi finanzjarji jista' jiġi eskluż minħabba r-regoli speċifiċi tas-settur; għalhekk jappoġġja approċċ ibbażat fuq prinċipju aktar milli perspettiva jew orjentat lejn il-każijiet;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ambizzjoni tal-Kummissjoni biex tissimplifika u timmodernizza l-qafas leġislattiv eżistenti biex b'hekk ikun iffaċilitat il-kummerċ transkonfinali u tissaħħaħ il-kunfidenza tal-konsumatur;
4. Jikkunsidra li s-servizzi finanzjarji jsofru minn stat leġislattivament fragmentat tar-regoli eżistenti, li jippermetti effett ta' lieva għall-Istati Membri biex ma jaqblux fl-implimentazzjoni, u b'hekk jiżdied l-infiq kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi; Jappoġġja l-armonizzazzjoni sħiħa permezz ta' approċċ mħallat, fejn l-istrumenti orizzontali huma mogħtija, imma l-azzjonijiet vertikali jistgħu japplikaw meta jkun il-bżonn. Kull proposta għal reviżjoni tar-regoli ta' protezzjoni tal-konsumatur teħtieġ analiżi bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji;
5. Ifakkar fid-diskussjoni dwar riparazzjoni kollettiva u jemmen li din tixirqilha aktar konsiderazzjoni, minkejja differenzi nazzjonali fit-tħaddim tar-regoli tan-negozju; jitlob lill-Kummissjoni biex taħtar grupp ta' ħidma biex jagħmlu abbozz ta' rakkomandazzjonijiet;
6. Jemmen li biex tiżdied il-kunfidenza tal-konsumatur, wieħed għandu jibqa' jiffoka fuq l-abilità tal-konsumatur li jagħmel deċiżjonijiet infurmati u mhux billi tiġi limitata l-għażla tal-prodotti finanzjarji skond il-livelli ta' riskju tagħhom; Limitazzjoni bħal din tista' tnaqqas profitti u twassal biex il-konsumatur ma jgawdix minn servizzi ta' kwalità inferjuri; ma jilqax b'mod partikulari r-riżultat għall-fondi tal-pensjoni;
7. Jinkoraġġixxi l-industrija biex taqbel dwar sett ta' prinċipji dwar żvelar u timxi fuqhom, biex b'hekk tiġi provduta l-informazzjoni rilevanti għall-investitur zġhir individwali fuq prodott finanzjarju ta' l-istess kalibru.